KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 16

**It-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 16.1 Qari tal-Apoloġiji

16.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija, waħda mill-Kunsillier JC Borg kif ukoll mill-Kunsillier Chircop, li kienu jinsabu indisposti.

16.1.2 **Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.**

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 15

16.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 15, li kienu meqjusa moqrija.

16.2.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li f'para. 15.3.17, il-kliem Ministeru tat-Turiżmu għandhom jinbidlu għall-MTA. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

16.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 15 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 16.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 14.3.14, dwar il-pompi tal-Għajn tal-Ħasselin, hija kienet bagħtet ittra lill-kuntrattur kif ukoll lil IM kif mitluba fil-minuti preċedenti. Hawnhekk hija qrat ir-risposta li rċeviet lura mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa apposta mal-Periti tal-Imsida Creek, il-PWD u l-WSC.

16.3.2 Is-Sindku informa li l-ġibjun il-kbir kien tnaddaf fil-maġġorparti tiegħu. Huwa kien bagħat jirringrazzja lill-Perit inkarigat u fakkru wkoll fil-ġibjun iż-żgħir. Hawnhekk huwa spjega li kien hemm problema bil-papri li kienu jgħixu fil-ġibjun minħabba li bħalissa m'għandhomx ilma għalkemm min-naħa tal-PWD kienu infurmaw lill-Animal Welfare dwarhom.

16.3.3 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar meta se tkun miftuħa għan-nies il-berġa, is-Sindku informa li għalissa ma kienx hemm ebda indikazzjoni.

16.3.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar il-kont ta' TCTC, is-SE infurmat li ma kinux reġgħu kitbu lura.

16.3.5 Dwar id-data tal-għeluq tan-nomini, il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li fis-snin ta' qabel din kienet tiġi deċiża mill-Kunsill. Is-SE infurmat li ma kinitx taf b'dan u għaldaqstant kienet hi li ħadet ir-responsabbiltà li tagħmel id-data.

16.3.6 Dwar para. 15.3.9 u l-attività li se ssir b'kollaborazzjoni man-Nursery tal-Imsida, is-Sindku informa li wara diskussjoni magħhom, kienet tnaqqset l-ispiża involuta.

16.3.7 Fir-rigward ta' para. 15.3.17, is-Sindku informa li kien reġa' bagħat tfakkiriet biex jiġi kkunsidrat li jinxtegħel *skate park* għal żmien il-Milied.

16.3.8 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 15.5.2, fir-rigward tat-talba li saret lid-Direttur Ġenerali għal fondi extra sabiex jiġi kopert il-kuntratt mas-CMD, is-SE infurmat li s'issa ma kienet għadha ma rċivietx ebda risposta lura.

16.3.9 Fir-rigward ta' para. 15.5.4, dwar il-monument ta' San Ġużepp, is-SE infurmat li l-Periti kienu għadhom qed jistennew lura min-naħa tal-PA.

16.3.10 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 15.5.6, dwar l-offerta tad-Driver, il-Kunsill kien tilef l-appell u għaldaqstant ġie mitlub biex jerġa' jagħmel l-evalwazzjoni mill-ġdid u jibdel il-bord kollu. Kien hemm qbil li l-bord il-ġdid għandu jkun iffurmat mill-Kunsillier Agius bħala Chairman, is-SE bħala s-Segretarja tal-Bord, u l-Kunsilliera Farrugia u Baldacchino Cefai kif ukoll is-Sur Duncan Hall bħala evalwaturi.

16.3.11 Is-SE infurmat li kienet għalqet l-offerta tal-ġonna u kienu applikaw 4 offerenti. Kien hemm qbil li ssir laqgħa biex issir l-evalwazzjoni.

16.3.12 Is-Sindku informa li ma kellux risposta dwar il-kamra ta' Triq l-Għeriebel għalkemm kien ċempel lill-avukat kif mitlub. Kien hemm qbil li jekk tibqa' ma tirrispondix il-Kunsill kellu jibgħat korrispondenza bil-miktub.

16.3.13 Rigward para. 15.5.12, il-Viċi Sindku qalet li hemm bżonn li tinstab soluzzjoni għall-boroż oranġjo. Is-SE spjegat kif issir il-kollezzjoni u talbitha biex meta jkun hemm xi boroż oranġjo, jinfurmaw lilha jew lis-sindku u huma jgħaddu r-ritratti fuq ic-chat li għandhom mal-kolletturi. Is-SE infurmat li l-Ġimgħa għandha terġa' ssir laqgħa mal-kenniesa u CM. Min-naħa tiegħu, is-Sindku semma' li hemm is-supervisor li huwa tassew ħabrieki u huwa persuna verament responsabbli fuq xogħlu.

16.3.14 Is-Sindku informa li kien għamel laqgħa informali mal-kollettur tal-iskart biex isir titjib fis-servizz madwar il-lokalità. Dwar il-ġabra tal-iskart kienu reġgħu ddiskutew din il-materja waqt il-laqgħa tar-reġjun. Insista li jkunu electric jekk issir il-kollezzjoni bil-lejl. Ir-regjun qabel li kull lokalità ghandna niddiskutu kunsill kunsill.

16.3.15 Is-SE qrat il-Minuti tal-laqgħa mal-Ministru Bonett. Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar il-bus stop ta' Rue D'Argens fejn il-Kunsillier Agius issuġġerixxa li jew imur fejn kien quddiem il-każin tal-banda inkella jittella' fuq nett ta' Rue D'Argens. Kien hemm qbil li għandu jiġi propost li jitreġġa lura quddiem il-Każin tal-Banda u li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lill-MPT u nikkupjaw lill-Ministru Bonett fejn ninsistu li l-bus stop terġa' tmur lura fejn kienet.

16.3.16 Kien hemm qbil li għandha tintbagħat email bil-minuti lill-Ministru u tintalab *update* fuq il-punti kollha, filwaqt li nirringrazzjaw u nitolbuh jaħdem immedjatament fuq il-parkeġġ tad-Dar tal-Anzjani, jagħti l-ordni dwar l-uffiċju ta' TM u li jsir ir-resurfacing ta' Triq AM Vassalli. Dwar il-parkeġġ residenzjali, kien hemm qbil li m'hemmx fejn jigi identifikat lok għal park and ride fl-Imsida u għaldaqstant se jintalab li jsir ir-resident parking fl-Imsida. Possibbilment iżda l-Kunsill għandu jinsisti li ż-żona tal-għajn tal-ħasselin tiġi parkeġġ.

16.3.17 Is-Sindku informa li aktar kmieni dakinhar kien hemm għeluq bla permess fi Triq ix-Xmiexi. Barra minn dan, Triq l-Iskola ġiet magħluqa mingħajr ma l-Kunsill ġie infurmat.

16.3.18 Huwa informa wkoll li fi Triq Arturo Bonnici tweħħlu tabelli għax-xogħlijiet u ma sarx.

16.3.19 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 14.3.34, kienet għaddiet kopja ta' pjanta ta' Triq is-Sarġ li għaddewlha l-Periti ta' IM wara li saret il-laqgħa magħhom. Wara diskussjoni kien hemm qbil li m'hemmx oġġezzjoni għall-ftuħ tat-triq skont it-*traffic management* issuġġerit minnhom.

16.3.20 Is-SE uriet il-pjanta li ġiet imħejjija minn IM għall-proġett ta' Triq Oscar Zammit. Hawnhekk il-Kunsillier Agius issuġġerixxa li Triq Misraħ il-Barrieri tiġi one way u li ssir planter fi Triq Bordin biex tislowja t-traffiku. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jsir parkeġġ taħt it-triq. Hawnhekk kien hawn qbil li għandha ssir laqgħa mar-residenti ta' Triq Ġwann Mamo, Triq is-Snajja, Triq Oscar Zammit, Triq J. Borg u Misraħ G. Debono.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

16.4.1 Il-Viċi Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministru Clifton Grima u jitolbu biex ikun jista' jagħmel użu mil-librerija li hemm fl-Iskola minħabba li l-librerija pubblika li hemm fil-binja tal-Kunsill hija tassew żgħira. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

16.4.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar jekk hemmx xi timeline dwar ix-xogħlijiet tal-Għassa, is-SE infurmat li s'issa ma kellhiex informazzjoni.

16.4.3 Is-Sindku informa li kien hemm surġent tal-pulizija tal-komunità ġdid u li kien se jibda jopera bl-uniformi minn l-1 ta' Lulju. Għaldaqstant kien se jipprova jsib xi ġranet u ħinijiet biex jagħmel spezzjonijiet miegħu.

16.4.4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li għandu jsir appuntament mal-persuna inkarigata biex jiġi skedat l-Għajn tal-Ħasselin u xi postijiet oħra ta' importanza storika fir-raħal. Hija infurmat li tixtieq ħafna wkoll li tinħoloq fondazzjoni għall-wirt tanġibbli u anke mhux. Hawnhekk issemmew postijiet bħalma huma d-dar ta' Kilin, il-kamra ta' Triq l-Għeriebel, l-Għajn tal-Ħasselin, ix-xelters, niċeċ, kif ukoll kappelli.

16.4.5 Inġibdet l-attenzjoni mill-Kunsillier Agius li l-anzjani qed ikollhom problema biex jitilgħu fil-vann tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara jekk xi Dipartiment tal-Gvern jistax jgħin biex jinxtraw dawn iż-żewġ tarġiet.

16.4.6 Barra minn dan, il-Kunsillier Agius informa li hemm talbiet biex jittieħdu n-nies fl-isptar SVPR iżda kien hemm qbil li biex dawn jittieħdu tant 'il bogħod, il-Kunsill se jkollu jieqaf milli jaqdi lil numru kbir ta' residenti li jkunu jridu jinqdew lokalment. Għaldaqstant kien hemm qbil li għalissa ma nistgħux noffru dan is-servizz. Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li 'l quddiem kienet se toħroġ skema biex il-kunsilli japplikaw għal numru ta' vannijiet b'fondi sa 100%.

16.4.7 Il-Kunsillier Agius informa li l-preparamenti għal Jum l-Imsida li kienet se tinżamm nhar il-11 ta' Lulju kienu kważi kollha bil-lest.

16.4.8 Il-Kunsillier Agius informa li bi ftehim maċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, kien hemm qbil li l-festin tal-festa fiċ-ċentru għandu jinżamm il-Ġimgħa 4 ta' Lulju fid-9:30am. Il-Kunsilliera kollha huma mistiedna jattendu.

16.4.9 Għall-mistoqsija lis-SE dwar min kien ġie nominat għal Ġieħ l-Imsida, hija infurmat li kien hemm żewġ nominazzjonijiet u l-għażla tal-bord kienet għall-Onorevoli Robert Arrigo. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li hekk kif maqbul diġà waqt il-laqgħa preċedenti, flimkien mal-għażla tal-bord, għandu jingħata l-Ġieħ ukoll lill-mibki Robert Farrugia.

16.4.10 Il-Kunsillier Farrugia informa li bħalissa kienu għaddejjin diversi xogħlijiet ta' trinek fix-Xmiexi kif ukoll ħdejn l-Iskola Primarja. Huwa talab li l-kuntrattur jitfa' xi ilma biex itaffi l-problema tat-trabijiet.

16.4.11 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienet attendiet għal-laqgħa tal-BTIN. Hija kienet se tħejji rapport dwar it-3 year plan u tgħaddih lill-Kunsillier C. Borg.

16.4.12 Il-Kunsillier C. Borg informa li l-Ħamis li ġej kienet se tinżamm laqgħa maż-żgħażagħ li jappartjenu għall-KNŻ u l-FOE.

## 16.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

16.5.1 Is-SE infurmat li kellha kwotazzjoni għal twaħħil ta' camera li tagħti għall-kuridur tal-ġenb tal-binja tal-Kunsill. Din kienet tiswa €287. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Mallia għandu jissuġġerixxi lill-amministrazzjoni x'tip ta' camera għandha tinxtara u jieħu ħsieb l-installazzjoni min-naħa tiegħu.

16.5.2 Is-SE infurmat li s-seduta tal-proġett ta' Triq Victor Denaro kienet ġiet posposta min-naħa tal-PCRB minħabba li wieħed mill-avukati kien iddaħħal l-isptar għal intervent mediku. Sal-ġurnata għadha ma rċevietx risposta meta se ssir is-seduta li jmiss.

16.5.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fil-preżent il-Kunsill qed iħallas €426 fis-sena għal 6 rat bait boxes bis-servizz li jiġu jagħmlu l-velenu huma darba fix-xahar. Hija ssuġġeriet li minflok jinxtraw 22 kaxxa flimkien mal-velenu għall-prezz ta' €223 u jieħu ħsieb jagħmel il-velenu l-ħaddiem tal-Kunsill. B'hekk inkunu assigurajna li b'nofs l-ispiża li qed nagħmlu bħalissa nkunu qed inferrxu aktar minn dawn il-kaxxi u nilħqu aktar il-lokalità tagħna. Il-Kunsill approva.

16.5.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet email mingħand l-Għaqda tan-Nar ta' Santa Venera dwar għeluq ta' parti mill-bypass. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda kien hemm qbil li għandha tinforma lill-Periti ta' IM biex ma jkunx hemm għeluqijiet fl-istess waqt.

16.5.5 Is-SE infurmat li r-Reġjun Lvant kien se jerġa' joffri s-servizz ta' Van bil-kantanti bejn is-16 ta' Lulju u s-16 ta' Awwissu f'numru ta' lokalitajiet.

## 16.6 Mozzjoni Nru 01/2025 – Studju dwar il-kapaċità ta' tolleranza tal-iżvilupp – *Carrying Capacity*

16.6.1 Is-Sindku preżenta mozzjoni li kienet diġà ġiet iċċirkulata permezz tal-email, issekondata mill-Viċi Sindku biex mill-aktar fis possibbli, il-Kunsill jara li jsir studju dwar il-*carrying capacity* fil-lokalità tal-Imsida. Kopja tal-mozzjoni hija mehmuża.

16.6.2 Is-Sindku spjegali din il-proposta titlob li dawn l-istudji jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali li ma jittieħdux mill-fondi tal-istess Kunsill Lokali direttament jew indirettament.

16.6.3 Hawnhekk il-Kunsillier Mallia rrisponda f'isem il-grupp tal-PL fejn qal li għalkemm huma lkoll japprezzaw il-mozzjoni mressqa li tittratta oqsma li huma għal qalbhom u jafu li huma wkoll

għal qalb il-Gvern, huma ddikkjaraw li għandhom fiduċja sħiħa li l-Gvern diġà qed jieħu ħsieb li jindirizza dawn l-istudji. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai kompliet li fuq livell reġjonali kien sar *social impact assessment* fejn ġew identifikati t-temi soċjali ewlenin.

16.6.4 Il-Viċi Sindku rrispondiet li lil hinn mill-politika, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-grupp ta' kunsilliera qegħdin hemm għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin u għaldaqstant hemm bżonn li dan l-istudju jsir.

16.6.5 Għaldaqstant hawnhekk ittieħed vot fejn il-mozzjoni għaddiet b'ħames voti favur (Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera Agius, Farrugia u C. Borg) u tnejn kontra (Kunsilliera Mallia u Baldacchino Cefai). Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li tnejn mid-disa' kunsilliera kienu skużati mil-laqgħa.

## 16.7 Laqgħa tal-Lokalità – Ġunju 2025

16.7.1 Is-SE infurmat li kien attenda persuna waħda għal-laqgħa tal-lokalità li nżammet ftit qabel u kien intwera l-filmat dwar ix-xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul is-sena 2024 u ġiet diskussa wkoll il-problema tiegħu, dwar il-proġett.

16.7.2 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Agius. Il-ħin kien it-8:30pm.

## 16.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

16.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-16), kopja tagħha mehmuża. Il-Vici Sindku proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-kunsillier Baldacchino Cefai issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 16.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju 2025 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li nhar it-2 u 3 ta' Lulju se jsir ir-*resurfacing* ta' Triq Antonio Bosio.

IM kienu infurmawh li d-dawl madwar il-monument mhux fir-responsabbiltà tagħhom u għaldaqstant għandha tkun id-deċiżjoni tal-Kunsill jitfuħx jew le. Kien hemm qbil li għandu jsaqsi jekk jistax isir dawl ġdid modern u ma jaħlix u li possibbilment jitqabbad mal-pannelli solari.

Għall-mistoqsija tas-SE dwar jekk jafx fejn se tmur l-enerġija ġġenerata mill-pannelli solari, Ryan informa li ma kienx jaf.

Għall-mistoqsija tal-Kunsill dwar ħolqien ta' parkeġġ temporanju għal żmien il-festa, Ryan informa li IM qalulu li kien hemm il-park and ride. Il-Kunsill talab lil Ryan jispeċifika.

Ryan informa li dakinhar tal-festa, il-Ħadd, mhux se jsir xogħol imma s-Sibt il-ħaddiema se jaħdmu sas-2pm. Hawnhekk il-Kunsill kollu talab li s-Sibt ma jaħdmux. Il-Kunsillier Farrugia talab biex il-Ġimgħa jieħdu ħsieb inaddfu warajhom u s-Sindku ssuġġerixxa li l-krejnijiet jitnizzlu fejn hu possibbli.

Il-Kunsill informal il Ryan li ma kienux jafu dwar il-laqgħa ħlief fl-aħħar ftit. Is-SE infurmat li meta jkun hemm laqgħa għandha tintbagħat kommunikazzjoni direttament lilha u possibbilment ikellimha biex jaċċerta ruħu li nqrat.

Ryan informa li l-pjanta tal-playing field kienet intbagħtet.

Is-SE infurmat li Victor kien infurmaha li dakinhar flgħaxija se jkun qed isir il-konkos fil-parti fejn ġejja t-triq ta' quddiem il-Knisja.

Ryan ikkonferma li l-fence ta' fuq il-pont ta' Triq San Alwiġi se jsir.

Għall-mistoqsija ta' Ryan, is-SE infurmat li sid il-proprjetà li għandu l-krejn ħdejn l-AVIS ġie avżat.

Dwar il-Monument ta' San Ġużepp, is-SE infurmat li min-naħa tal-PA kienu talbu xi informazzjoni u l-periti kienu rrispondew.

Ryan talab biex ngħaddulu l-programm tal-Ġostra. Is-Sindku talab lil Ryan biex jitlob sponsorship tat-tropheys lil IM.

Dwar il-Public toilets is-SE se tgħaddilhom il-quotes.

Inġibdet l-attenzjoni li mil-lista li kien hemm mil-laqgħa mal-Ministru kulma rranġaw kien biss id-dawl.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:10pm.

*****